MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1387/2002/1

***Carmelo Farrugia***

***vs***

***Lawrence Caruana***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm555.50) rappresentanti danni sborsati mill-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Bormla fit-30 ta' Gunju 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAA 816 habat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBY 711, proprjeta' ta' l-attur li kienet wieqfa, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-24 ta' Awissu 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju 2002 u

dawk ta’ l-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut skond il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, flimkien ma’ l-imghax legali mid-9 ta’ Awissu 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa illi dak li qed jitlob l-attur ghandu jigi michud u dana peress illi ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti l-istess attur, ossia d-*driver* ta’ l-attur.

Sema' x-xhieda tal-kontendenti, ta’ P.S., 1262, Spiridione Zammit, u Francesco Farrugia

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti, konsistenti fir-*road accident report*, ritratti tal-hsarat rapportati fil-vetturi rispettivi tal-partijiet, u r-ricevuti in konnessjoni mal-*quantum* tad-danni, kif ukoll tal-verbal ta’ l-access mizmum fit-8 ta’ Novembru 2002.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu ta’ din il-kawza sehh fi Triq 79, gewwa Bormla, vicin il-venda tal-karozzi tal-linja, bejn il-vettura tal-konvenut BAA 816 u x-xarabank ta’ l-attur li kienet misjuqa minn Francesco Farrugia, bin-numru FBY 711. Din il-habta sehhet fit-30 ta’ Gunju 2001 fil-hin ta’ filghodu u cioe’ ghal habta tal-hdax neqsin kwart.

Skizz ta’ l-incident ma sarx u dana peress illi s-Surgent 1262, Spiridione Zammit hass illi ma setax jaghmel skizz meta acceda fuq il-post peress illi l-konvenut qallu illi huwa kien irriversja l-vettura tieghu minn taht ix-xarabank, wara li sehh l-incident, ghaliex ma setax johrog minnha, izda ghaliex il-konvenut ghamel dan, huwa ma ivverifikax. Ghalhekk huwa ma setax jidentifika fejn kienet l-*ispot of impact*. Ix-xarabank, madanakollu baqghet wieqfa fil-posizzjoni li kienet meta grat il-habta. Huwa ma jiftakarx li l-konvenut kien qallu illi l-vettura tieghu iccaqalqet lura mad-daqqa.

Il-verzjonijiet moghtija lis-surgent mill-partijiet *a tempo vergine* kienu s-segwenti. Ix-xufier tax-xarabank stqarr illi huwa kien wieqaf fi Triq 79, Bormla, fejn meta kien qed idahhal il-*gear* sabiex jirriversja ghal gol-venda, l-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet gejja fid-direzzjoni lejh, baqghet diehla go fih, biex b'hekk garrab hsarat fil-*bumper* ta' quddiem u l-*mudguard* lejn il-lemin u cioe' fil-kantuniera sejra lejn il-genb. Il-konvenut, minn naha tieghu, stqarr illi huwa kien qieghed isuq fid-direzzjoni sejjer lejn Bormla, meta x-xarabank harget mill-venda fid-direzzjoni l-opposta tieghu bl-intenzjoni li jirriversja u baqa' diehel fih, biex b'hekk il-vettura tieghu garrbet hsarat fin-naha ta' quddiem taghha.

Is-surgent ighid illi l-parti tat-triq fejn sehh l-incident hija *one-way* u li l-konvenut kien qieghed isuq fid-direzzjoni favur il-*one-way*, filwaqt illi x-xarabank kienet wieqfa thares fid-direzzjoni kontra l-*one-way*. Ighid illi s-sewwieqa kienu qablu rigward il-manuvra li kienet ser taghmel ix-xarabank.

Is-sewwieq tax-xarabank, Francesco Farrugia jixhed illi huwa kien ghadu gej mill-Belt, dahal gol-venda u nizzel il-passiggieri, u saq 'il quddiem u waqqaf sabiex jirriversja halli jidhol b'lura gol-venda sabiex jipparkeggja. Hekk kif kien wieqaf, ra l-vettura tal-konvenut gejja fid-direzzjoni lejh u baqghet diehla fih. L-ewwel darba li lemhu huwa kien tul ta' tlett xarabanks 'il boghod minnu. Ighid illi t-triq hija wiesgha u s-sewwieqa ghandhom vizwali tajba. Jispjega illi l-vettura tal-konvenut laqtitu fuq in-naha ta' quddiem fil-genb in-naha tax-xufier u baghqet diehla taht ix-xarabank. Il-konvenut ghalhekk mal-ewwel dahhal il-*gear* tar-*reverse* u qalgha l-vettura minn taht ix-xarabank. Huwa izda baqa' wieqaf fejn kien. Meta huwa kien wieqaf, ix-xarabank kienet daqsxejn imgennba b'wiccha thares lejn id-direzzjoni tal-Kalkara u cioe' mid-direzzjoni fejn kien gej il-konvenut.

Ighid in kontro-ezami illi huwa bil-fors kellu johrog fit-triq quddiem il-venda sabiex ikun jista' jaghmel il-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel. Huwa ighid illi f'dak il-mument huwa ma rax vetturi ohra hlief dik tal-konvenut. Fil-venda

kien hemm zewg karozzi tal-linja ipparkeggjati u hu kien bi hsiebu jidhol sabiex jipparkeggja bejniethom.

Lawrence Caruana ighid, minn naha tieghu, illi huwa kien tielgha t-telgha tal-Kalkara. Kif wasal hdejn l-*istop sign* fil-ponta tat-telgha huwa waqqaf, peress illi kienet gejja vettura ohra mid-direzzjoni ta’ Bormla sabiex iddur mar-*roundabout*. Kif ghaddiet din il-vettura huwa qabad biex idur mar-*roundabout* warajha, u gie vicin il-venda tal-karozzi tal-linja. Sa dan il-mument huwa kien ghadu ma rax ix-xarabank li maghha sehhet il-kollizzjoni. Hekk kif ghaddiet il-karozza li kienet qed tinsaq quddiemu, huwa ra x-xarabank qed issuq bil-mod fid-direzzjoni tieghu, u cioe’ gejja lejh kontra d-direzzjoni tal-*one-way*. Ix-xarabank f’dak il-mument ma kenitx gol-venda izda kienet fit-triq mar-*roundabout* fejn kien qieghed isuq hu. B’hekk sehhet il-kollizzjoni *bumper to bumper*. Huwa jghid illi hekk kif fetah il-bieba biex jinzel, il-vettura ghamlet qisha molla u mxiet lura.

Huwa jghid illi x-xarabank raha l-ewwel darba prattikament mal-habta u ghalkemm huwa seta’ jara l-venda tal-karozzi tal-linja mill-boghod, huwa jghid illi fl-ebda mument ma ra x-xarabank hierga mill-venda. Huwa jsostni illi fil-mument ta’ l-incident ix-xarabank ma kenitx wieqfa, izda kienet miexja fid-direzzjoni gejja ghal fuqu. Ma jiftakarx jekk il-vettura tieghu dahhlitx taht il-karozza tal-linja, izda jiftakar illi l-kollizzjoni kienet tat-tip *bumper to bumper*. Huwa stqarr mas-surgent tal-pulzija illi s-sewwieq tax-xarabank kien bi hsiebu jirriversja, ghaliex hekk kien qallu s-sewwieq stess tax-xarabank u mhux ghaliex induna x’kien ser jaghmel.

L-attur Carmelo Farrugia, ma kienx prezenti dak in-nhar ta’ l-incident u lanqas acceda fuq il-post wara li sehhet il-kollizzjoni u ghalhekk ma jistax jitfa’ dawl fuq id-dinamika ta’ l-incident. Huwa ezebixxa r-ricevuti rigward it-tiswijiet u cioe’ *panel beating* u *spray painting* li gew immarkati bhala Dokumenti CF1 u CF2, kif ukoll dokument li jindika t-telf tax-xoghol li bata’ fil-granet illi x-xarabank kienet ghat-tiswija, liema dokument huwa mmarkat bhala CF3.

Ikkunsidra:

Illi l-meritu ta' din il-kawza jitratta ncident stradali li sehh fi Triq 79, Bormla vicin il-venda tal-karozzi tal-linja. Mill-atti processwali johorgu s-segwenti fatti mhux kontradetti:

1. Il-konvenut kien ghadu kemm telgha t-telgha tal-Kalkara u kien qieghed jaqbad biex idur mar-*roundabout* li hemm vicin il-venda.

2. Is-sewwieq tax-xarabank kien jinsab fit-triq u cioe' barra mill-venda u dana ghaliex kellu l-intenzjoni jaghmel manuvra sabiex jipparkeggja fil-venda biswit zewg karozzi tal-linja ohra li kienu ipparkeggjati hemmhekk.

3. Mal-impatt l-vettura tal-konvenut giet spustjata mill-*ispot of impact*.

4. Skizz ta' l-incident ma sarx mill-*investigating officer* li acceda fuq il-post ta' l-incident.

5. Ix-xarabank kienet kontra l-*flow of traffic* u cioe' wiccha kontra d-direzzjoni tal-*one-way*.

6. Id-danni sofferti fil-vetturi rispettivi.

Illi minn naha l-ohra hemm konfliggenza fix-xhieda fuq is-segwenti fatti:

1. Il-posizzjoni tax-xarabank qabel ma sehh l-impatt – il-konvenut jikkontendi illi x-xarabank kienet ghal kollox fin-nofs tat-triq, filwaqt illi s-sewwieq tax-xarabank isostni illi huwa kien iktar lejn il-genb tat-triq vicin il-venda.

2. Il-konvenut jallega illi qabel l-impatt ix-xarabank kienet qed ticcaqlaq gejja fid-direzzjoni tieghu, filwaqt illi s-sewwieq tax-xarabank jikkontendi illi qabel ma sehh l-impatt huwa kien wieqaf.

3. Il-konvenut jallega illi kien hemm vettura ohra qed tinsaq quddiemu qabel ma sehh l-impatt, filwaqt illi s-

sewwieq tax-xarabank jikkontendi illi ma kienx hemm vetturi ohra fit-triq.

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali ghalhekk it-Tribunal irid fl-ewwel lok jasal biex jistabbilixxi x'kienet il-kawza prossima ta' l-incident in dizamina. Illi jirrizulta illi l-konvenut kien qieghed fi triqtu tiela' mit-telgha tal-Kalkara ser jaqbad mar-*roundabout* qabel ma sehh l-impatt. Ma rrizulta minn imkien mill-provi prodotti illi l-konvenut f'xi mument ghamel xi manuvra perikoluza jew kontra r-regolamenti tat-traffiku li setgha wassal ghall-impatt. Huwa kien qieghed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq meta f'daqqa wahda sab ix-xarabank fi triqtu. Jidher ghalhekk illi l-kawza prossima ta' dan l-incident stradali kienet il-posizzjoni li fiha kienet tinsab ix-xarabank qabel ma sehh l-impatt u l-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel l-istess sewwieq tax-xarabank.

Gie stabbilit, kif inghad iktar 'il fuq illi x-xarabank kienet tinsab kontra l-*flow of traffic*. Is-sewwieq tax-xarabank inoltre kien bi hsiebu jaghmel manuvra fi triq principali li certament tirrikjedi *proper lookout* u grad oghli hafna ta' responsabbilta', mhux biss ghaliex huwa kien jinsab kontra l-*one-way*, wiccu kontra d-direzzjoni tat-traffiku, izda wkoll ghaliex huwa kien bi hsiebu jaghmel manuvra ta' *reverse* sabiex jidhol gewwa l-venda tal-karozzi tal-linja. Inoltre xarabank hija ukoll vettura li minn natura taghha ghandha certu proporzjonijiet li certament kien ikollha tinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mar-*roundabout* hekk kif tigi biex taghmel il-manuvra intenzjonata mis-sewwieq.
Huwa minnu kif jallega d-difensur ta' l-attur illi l-konvenut x'aktarx kellu vizwali tajba, mid-direzzjoni minn fejn kien gej u li karozza tal-linja seta' jaraha, izda fuq dan is-sewwieq ma kienx jinkombi illi huwa joqghod attent ghal kwalunkwe manuvra azzardanti illi sewwieqa ohra jkunu bi hsiebhom jaghmlu f'toroq principali u pjuttost traffikuzi. Illi t-Tribunal isibha difficli jemmen il-verzjoni moghtija mis-sewwieq tax-xarabank illi kien wieqaf ghal kollox fil-mument ta' l-incident u li kien jinsab fil-genb tat-triq ghaliex huwa stqarr car u tond dak li kien bi hsiebu jaghmel li certament ma kienx jirrikjedi mumenti ta' hsieb

u inoltre meta wiehed qieghed jitkellem fuq vettura kemmxejn kbira tali manuvra bil-fors ser tfisser illi ser ikun hemm invazjoni tal-karreggjata minn fejn kien ghaddej it-traffiku sabiex huwa ikun jista' jikser u jipparkeggja fil-venda ezatt fin-nofs bejn zewg karozzi tal-linja ohra li kienu jinsabu pparkeggjati hemmhekk f'dak il-mument.

Inoltre s-sewwieq tax-xarabank stess jammetti illi: *"ix-xarabank, meta jiena waqqaft kienet <u>daqsxejn imgenba</u> b'wiccha thares lejn id-direzzjoni tal-Kalkara."* – indikazzjoni cara illi huwa kien diga beda jaghmel il-manuvra intenzjonata sabiex jikser u jirriversja gewwa l-venda. Illi ghalhekk huwa kellu jipprocedi b'attenzjoni kbira b'tali mod illi ma jizvijax is-sewwieqa li kienu gejjin faccata tieghu u inoltre kellu jassigura ruhu li l-messagg tieghu wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq. Ghandu jinghad illi lanqas jidher illi s-sewwieq tax-xarabank xeghel xi *indicator* jew ghamel xi indikazzjoni ohra ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel.

Illi finalment ghandu jinghad illi l-kwistjoni jekk il-konvenut irriversjax minn taht il-karozza tal-linja jew inkella jekk il-vettura tieghu spustjatx ruhha hekk kif huwa gie biex johrog minnha ma tnaqqas bl-ebda mod il-grad ta' responsabbilta' inkombenti fuq is-sewwieq tax-xarabank ghal manuvra li kien bi hsiebu jaghmel.

It-Tribunal ukoll huwa kkonfortat mill-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa dak in-nhar ta' l-incident lis-surgent tal-pulizija, li minnhom johrog car iz-zewg fatturi li wasslu ghal dan l-incident u cioe' illi x-xarabank kienet tinsab fit-triq u cioe' barra l-venda, b'wiccha kontra d-direzzjoni tat-traffiku sabiex taghmel manuvra ta' *reverse* fi triq traffikuza.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi prodotti, t-Tribunal jikkonkludi illi l-attur ma rnexxielux jipprova t-talba tieghu u cioe' illi l-incident gara minhabba li l-konvenut kien negligenti, imprudenti u naqas li josserva xi regolament tat-traffiku, b'mod illi huwa kien responsabbli ghal dan l-incident u konsegwentement it-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------